

# Tliet Saċerdoti tas-Seklu XVII Li taw is-servizz tagħhom fil-Kolleġġjata u l-Parroċċa Elenjana



***Jikteb Winston L. Zammit** B. A. (Hons) M.A., P.G.C.E.*

Il-Parroċċa Elenjana hija waħda mill-eqdem parroċċi tal-Gżejjer Maltin; ilha żgur teżisti sa mill-1402(1). B'hekk il-ħajja parrokkjali fir-raħal ta' Birkirkara tagħlaq żgur 600 sena fis-sena 2002.

Matul dawn l-aħħar 598 sena, mijiet ta' saċerdot taw is-servizz tagħhom fiha, l-ewwel fi ħdan il-parroċċa (1402-1635), u wara fi ħdan il-parroċċa kolleġġjata (1635-1950) u matul dawn l-aħħar ħamsin sena fil-Parroċċa Kolleġġjata u Bażilika.

F'dan l-artiklu għażilt li nitkellem dwar tliet saċerdoti; Dun Andrea Galea, Dun Ġwann Battista Zarb u Dun Ġwann Maria Zahra, li matul xi żmien fis-seklu XVII taw is-servizz tagħhom fil-Kolleġġjata u parroċċa Elenjana, u tnejn minnhom wara li spiċċaw mill-Kapitlu Elenjan taw is-servizzi tagħhom fil-Katidral ta' l-Imdina.



Dun Andrea Galea (iż-żgħir)
Kien il-kuġin tal-fundatur tal-Kolleġġjata Dun Filippu Borġ, u ġie minnu nominat bħala wieħed mill-ewwel kanonċi tal-Kolleġġjata Elenjana (2) . Ħa l-pussess ma' l-ewwel kanonċi fl-10 ta' Mejju 1635.

Lawrjat fit-Teoloġija, minħabba l-merti tiegħu, fl-20 t'Ottubru 1639 ġie nominat Arċipriet tal-Katidral u Kappillan tal-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat, mill-Isqof Balaguer(3).

L-Arċipriet Galea ħa sehem fis-Sinodu ta' l-Isof Balaguer u fl-1646 ġie nominat Imħallef u Eżaminatur Sinodali(4). Fl-1654 l-Arċipriet Galea ġie maħtur Pro-Vigarju fl-Imdina(5). Huwa miet fis-16 ta' Diċembru 1654, u ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl tar-Rabat (6).

Dun Ġwann Battista Zarb. Vigarju Perpetwu

Meta bil-Bolla tal-5 ta' Diċembru 1630 twaqqfet il-Kolleġġjata fil-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara, l-uffiċċju tal-Kapillan tneħħa u l-kura ta' l-erwieħ tħalliet f'idejn il-Vigarju Perpetwu, li ma kienx membru tal-Kapitlu.

L-ewwel Vigarju Perpetwu kien l-istess fundatur tal-Kolleġġjata Dun Filippu Borġ, li baqa' jeżerċita din il-kariga

sa l-1644 (7). Warajh ġie maħtur Dun Ġwann Battista Zarb minn Ħal Balzan (8). Huwa għammed l-ewwel darba fil-Kolleġġjata fl-10 ta' Marzu 1644 (9).



Dun Ġwann, li kien lawrijat fil-liġi, ġie deskritt bħala bniedem ta' għerf kbir u ta' esperjenza kbira fil-qasam ta' l-amministrazzjoni (10). Fl-1660 ġie maħtur assessur tal-Kurja Veskovili, kariga li huwa baqa' jżomm sa Diċembru 1663(11). Reġa ġie maħtur Assessur fl-1664, mill-Vigarju Kapitulari Kan Attard, u kkonfermat f'din il-kariga mill-Isqof Buenos fl-1667, u mill-Vigarju Kapitulari Kan. Cauchi fl-1668(12). Fl-1667 insibu wkoll li ħa sehem fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Buenos (13).

Il-Vigarju Perpetwu Zarb miet fid-dar tiegħu f'Birkirkara fis-26 ta' Awissu 1677, u l-għada ġie midfun fil-Kolleġġjata Elenjana (14).

Dun Giovanni Maria Zahra
Deskritt bħala 'Sacerdote di ottimi costumi' fl-1649 ġie unanimament elett kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana mill-Kapitlu (15).

Għall-ħabta ta' l-1658, ġie nominat Kanonku tal-Katidral "(prebenda San Ġakbu) u nsibu li nhar il-21 ta' Settembru 1658, wara l-matutin għamel il-professjoni tal-Fidi quddiem il-kapitlu (16). Fl-1660(17), wara rakkomandazzjoni tal-Gran Mastru Rafel Catanev, is-Santa Sede ħatritu Kantur ta' l-istess Katidral (18).

Bejn l-1666 u l-1667, kien Prokuratur tal-Katidral elett mill-Kapitlu (19). Fl-1668 ħa sehem fis-Sinodu ta' l-Isqof Buenos li ġie maħtur Testimonio Sinodale (20).

Il-Kantur Zahra miet fis-17 ta' Frar 1695 (21).

*1 A. Luttrell. "The Cappella of Birkirkara 1402" Malta Histroica Vol VIII No 2, pp 156-160*
*2 L (ibrerija) N(azzjonali) M(alta) 16 p 103*
*3 IBID. pp 48, 103. A. ferres, Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo (Malta 1866) p 90*
*4 LNM 16 p 48, A Ferres, op.cit p 90*
*5 A Ferres, op. cit p 90*
*6 A(rkivju) K(atidral) M(alta) Misc 169 p 101*
*7 V. Buhagiar Tagħrif fuq il-Parroċċa Kolleġġjata u Bażilika ta' Santa Liena Birkirkara (Malta 1984) pp 12, 77, 81, 82*
*8 A. Ferres, op. cit p 320*
*9 A(rkivju) P(arrokkjali) B(Kara) Libro III Battesimo 1642-1701, fejn insibu li f'dak il-jum għammed lil Duminku, iben Ġwanni Maria u Isabella Mifsud*
*10 L.M.N. 16 p 97*
*11 L.M.N. 1368 p. 60*
*12 ibid pp. 105, 107*
*13 AKM Misc 169, p 425*
*14 APB Libro II Morte 1644 -1679 taħt id-data 26. VIII. 1677*
*15 LMN 16 p 108*
*16 AKM Regestum Deliberationem Capitulum Tom III (1651-1703) f.39r*
*17 LNM 360 p 506*
*18 LNM A(rkivju) O(rdni) M(alta) 1437 tal-ran Mastru R. Cotoner li-ricevitur Verospi Ruma 23-1-1661*
*19 AKM Misc 169. pp. 401, 515*
*20 LNM 16 p 153*
*21 AKM Misc 169. P 1145.*